## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2009 — Poloplast vs UASI — Polypipe Building Products (P)

## (Kawża T-189/09)

(2009/C 167/33)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Poloplast GmbH & Co. KG (Leonding, l-Awstrija) (rappreżentant: G. Bruckmüller, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Polypipe Building Products Ltd (Edlinton, Vereinigtes Königreich)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tal-25 ta' Frar 2009, jew temendaha fis-sens li jiġi kkonstatat li mhemmx probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni, u

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "P" għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 6, 11, 17, 19 u 42 (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3 148 194)

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Polypipe Building Products Ltd

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* it-trade mark figurattiva "P" għall-prodotti fil-klassi 17 (Trade mark Komunitarja Nru 33 191) u t-trade mark figurattiva "P POLYPIPE" għall-prodotti fil-klassijiet 6, 11, 17, 19 u 20 (Trade mark Komunitarja Nru 2 685 691)

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell parzjalment miċħud*

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar 8(1)(b) tar-Regolament KE Nru 207/2009 ([1])], sa fejn ma teżisti ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2009 — Longevity Health Products vs UASI — Performing Science (5 HTP)

## (Kawża T-190/09)

(2009/C 167/34)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Longevity Health Products, Inc. (rappreżentant: J. Korab, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Performing Science LLC

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara r-rikors tal-kumpannija Longevity Health Products, Inc. inammissibbli,

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-21 ta' April 2009 u tiċħad l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità tal-Performing Science, LLC kontra t-trade mark Komunitarja Nru 002846483 — "5 HTP"

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "5 HTP" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 16, u 35 (trade mark Komunitarja Nru 2 846 483)

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Performing Science LLC

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark inkwistjoni ġiet milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* rifjut tal-oppożizzjoni tar-rikorrenti

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ([1])]

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).